**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 3**

**Rikors Maħluf Numru 1054/2021 NC**

**Attard Bros Construction Materials Limited (C 29511)**

**vs.**

**Edilmair Limited (C 79626)**

Illum 30 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Attard Bros Construction Materials Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€26,673.52) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' diversi materjali tal-bini, inkluż concrete, bricks, sand,*

*beams u steel mesh, mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti għal servizzi ta' concrete pump reżi mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' intimata, u dan kollu fuq inkarigu tas-soċjeta' intimata stess u skont ma jirriżulta mill-istatement (hawn anness bħala Dok. 'ABCML 1') u mill-fatturi u d-delivery notes relattivi (hawn annessi komplessivament bħala Dok. 'ABCML 2');*

*2. Illi għalkemm is-soċjeta' rikorrenti interpellat lis-soċjeta' intimata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;*

*3. Illi sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti s-soċjeta' intimata ma għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talbiet tal-istess soċjeta' rikorrenti;*

*4. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment;*

*5. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€26,673.52) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' diversi materjali tal-bini, inkluż concrete, bricks, sand, beams u steel mesh, mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti għal servizzi ta' concrete pump reżi mis-soċjeta'*

> *rikorrenti lis-soċjeta' intimata, u dan kollu fuq inkarigu tas-soċjeta' intimata stess u skont ma jirriżulta mill-istatement (hawn anness bħala Dok. 'ABCML 1') u mill-fatturi u d-delivery notes relattivi (hawn annessi komplessivament bħala Dok. 'ABCML 2');*
>
> *2. Konsegwentament, tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€26,673.52).*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1481/2021 preżentat fil-5 ta' Ottubru, 2021 fl-ismijiet premessi u tal-ittra uffiċjali bin-numru 3814/2018 preżentata fid-29 ta' Ottubru, 2018 fl-ismijiet premessi, oltre l-imgħax legali mit-23 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta' intimata li r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħha".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 108) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021 u fejn is-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi, minkejja li s-soċjeta' konvenuta Edilmair Limited ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, l-ebda rappreżentant tagħha ma deher għas-seduta tallum u b'hekk s-soċjeta' konvenuta għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi u mill-affidavit ta' Dennis Gravina (*a fol.* 4) (rappreżentant tas-soċjeta' attriċi) anness mal-istess Rikors Maħluf jingħad illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta'

konvenuta fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€26,673.52) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' diversi materjali tal-bini, inkluż *concrete*, *bricks*, *sand*, *beams* u *steel mesh* mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi għal servizzi ta' *concrete pump* reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, u dan kollu fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta stess u skont ma jirriżulta mill-i*statement* (Dok. "ABCML 1" – *a fol.* 7 *et seq.*) u mill-fatturi u d-*delivery notes* relattivi (Dok. "ABCML 2" (*a fol.* 11 *et seq.*). Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, l-ammont imsemmi baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' konvenuta u li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn Dennis Gravina in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi jingħad li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha għadu ma tħallas xejn minnu u li għadu kollu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi, dwar l-imgħax mitlub mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li kull fattura hija l-prova tas-servizz individwali mogħti. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies

fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Edilmair Limited hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€26,673.52) dovuta kif fuq spjegat;

(3) Tilqa' it-tielet talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Edilmair Limited tħallas l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€26,673.52) lis-soċjeta' attriċi.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi u l-imgħax legali bit-tmienja fil-mija (8%) hekk kif mitlub fl-istess Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Edilmair Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.